Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1764

22.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1764

tat-13 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 fir-rigward ta' metodi, rekwiżiti u testijiet speċifiċi kif ukoll rekwiżiti amministrattivi rigward id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa u l-potenza tas-sistema tal-vettura elettrifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3), il-punt (a) u l-Artikolu 14(4), il-punti (a), (i), (j), (q), (s), (u) u (v), tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza mal-istandards internazzjonali, huwa xieraq li ssir referenza għar-Regolament tan-NU Nru 154 ([2]) (is-serje 04 ta' emendi) u r-Regolament tan-NU Nru 83 ([3]) (is-serje 09 ta' emendi), li jintroduċu d-durabbiltà tal-batterija fil-vettura u rekwiżiti oħra ffukati fuq l-elettrifikazzjoni li fihom avvanzi tekniċi ewlenin, li jappoġġaw is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fis-settur awtomobilistiku.

(2) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet Euro 7 jirriflettu bis-sħiħ l-aħħar avvanzi fit-teknoloġija tal-vetturi elettrifikati, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 ([4]). Sabiex jiġu żgurati valutazzjonijiet akkurati tal-emissjonijiet u tal-konsum tal-enerġija, jiġu pprovduti perkorsi ta' konformità aktar ċari għall-manifatturi, u tissaħħaħ l-integrità ambjentali tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet Euro 7, huwa meħtieġ li f'dak ir-Regolament jiġu inklużi l-metrika tal-prestazzjoni fil-kundizzjonijiet reali għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa għal vetturi purament elettriċi (PEVs), u rekwiżiti aġġornati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil (OBFCM) introdotti mir-Regolament tan-NU Nru 154 (is-serje 04).

(3) B'mod simili, ir-Regolament tan-NU Nru 83 (is-serje 09 ta' emendi) jipprovdi metodoloġiji aġġornati għall-konformità waqt is-servizz, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, il-potenza tas-sistema tal-vettura elettrifikata u l-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa, li jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 biex jiġu żgurati implimentazzjoni armonizzata u sorveljanza tas-suq.

([1]) ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj.

([2]) Ir-Regolament tan-NU Nru 154 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP) [2026/1130] (ĠU L, 2026/1130, 26.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1130/oj).

([3]) Ir-Regolament tan-NU Nru 83 - Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' inkwinanti skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna [2026/1086] (ĠU L, 2026/1086, 29.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1086/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj).

(4) Għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema f'vetturi elettriċi ibridi u f'PEVs b'muturi multipli, ir-Regolament tan-NU Nru 177 ([5]) jistabbilixxi l-proċeduri tekniċi meħtieġa. Ir-referenzi għal dak ir-Regolament tan-NU jenħtieġ li jiġu inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 biex jiġi żgurat kejl konsistenti u riproduċibbli tal-potenza tas-sistema, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-Euro 7.

(5) Sabiex jiġu żgurati dikjarazzjonijiet ta' konformità akkurati u trasparenti, huwa xieraq li fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 jiġi inkluż rekwiżit għall-manifatturi biex jużaw mudell għal dikjarazzjoni ta' konformità tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE). Dan jippermetti lill-manifatturi jiddikjaraw il-konformità ma' valuri limitu tal-emissjonijiet aktar baxxi matul il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq b'mod konsitenti, u b'hekk jissaħħu l-effettività u l-infurzabbiltà tar-rekwiżiti tal-RDE.

(6) Jenħtieġ li l-manifatturi jiġu pprovduti b'mudelli standardizzati għad-dikjarazzjonijiet tal-konformità, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1257, biex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni ta' informazzjoni kompluta u akkurata għat-testijiet rilevanti kollha, inklużi dawk relatati mal-emissjonijiet, id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-awtonomija elettrika, u l-potenza tas-sistema, u biex jittejbu l-effiċjenza amministrattiva u ċ-ċertezza legali.

(7) Sabiex jittejbu t-trasparenza u l-armonizzazzjoni madwar l-Istati Membri u biex jiġu żgurati preżentazzjoni u traċċabbiltà konsistenti tal-informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, is-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet jenħtieġ li tiġi adattata biex tallinja mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/1257, inklużi dispożizzjonijiet għal testijiet u proċeduri ġodda introdotti taħt l-Euro 7.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-proċessi amministrattivi, il-valutazzjonijiet tal-konformità, u l-kejl tekniku jkunu bbażati fuq standards globalment armonizzati, riproduċibbli u infurzabbli, u biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji bla bżonn, huwa xieraq li fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 jiġu riflessi l-aħħar żviluppi fir-Regolamenti tan-NU Nri 83, 154, 168 ([6]) u 177 fir-rigward tar-rekwiżiti u l-proċeduri tekniċi dettaljati kif ukoll id-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-metodoloġiji ta' konformità waqt is-servizz, id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa u d-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-OBFCM.

(9) Il-metodoloġiji fakultattivi ta' konformità waqt is-servizz jenħtieġ li jiġu introdotti għad-determinazzjoni tal-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa u tal-potenza tas-sistema biex jipprovdu flessibbiltà għall-manifatturi u għall-awtoritajiet filwaqt li jiżguraw ittestjar robust u rappreżentattiv. Dawk il-metodoloġiji jappoġġaw l-infurzar effettiv tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 billi jikkomplementaw ir-rekwiżiti obbligatorji ta' konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, u b'hekk jiżguraw konformità konsistenti u verifikabbli mal-objettivi tagħha bbażati fuq il-prestazzjoni.

(10) Sabiex jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u r-rekwiżiti amministrattivi jibqgħu allinjati mal-istandards tekniċi u ambjentali li qed jevolvu għall-vetturi bil-mutur, it-tabelli tal-karattri tal-emissjonijiet jenħtieġ li jiġu emendati biex jinkludu rekwiżiti speċifiċi għall-PEVs fir-rigward tal-apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika (OBFCM).

(11) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u effiċjenti lejn mobbiltà elettrifikata u biex ikun hemm allinjament mal-isforzi ta' armonizzazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari r-Regolament tan-NU Nru 154, filwaqt li l-manifatturi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti speċifiċi għall-PEVs, huwa xieraq li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-OBFCM għal tali vetturi tiġi differita sal-1 ta' Jannar 2030 u sa fejn temenda l-Anness II, 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 jiġi emendat kif xieraq.

([5]) Ir-Regolament tan-NU Nru 177 - Dispożizzjonijiet uniformi dwar id-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema ta' vetturi elettriċi ibridi u ta' vetturi purament elettriċi li għandhom aktar minn magna elettrika waħda għall-propulsjoni [2025/1910] (ĠU L, 2025/1910, 26.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1910/oj).

([6]) Emendi għar-Regolament tan-NU Nru 168 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) [2026/1900] (ĠU L, 2026/1900, 15.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1900/oj).

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi, id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa u potenza tas-sistema tal-vettura elettrifikata ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683";

(2) fl-Artikolu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet b'rabta mal-emissjonijiet tal-egżost u l-emissjonijiet evaporattivi, id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa, u potenza tas-sistema tal-vettura elettrifikata tal-vetturi bil-mutur li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:";

(3) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jirċievi approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2024/1257, il-manifattur għandu juri li l-vetturi jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament meta jiġu ttestjati f'konformità mal-proċeduri tat-test speċifikati fl-Annessi III sa VIII, X, XI, XIV, XV, XVI, XVII, XIX, XX, XXI u XXII. Il-manifattur għandu jiżgura wkoll li l-fjuwils ta' referenza jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX.";

(4) fl-Artikolu 5(1), jiżdied il-punt (c) li ġej wara l-punt (b):

"(c) vetturi purament elettriċi (PEVs).";

(5) L-Artikolu 6(3)(c) jitħassar;

(6) L-Artikolu 6(4) jitħassar;

(7) fl-Artikolu 10, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi";

(8) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-rekwiżiti għall-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz huma applikabbli sa 10 snin wara li jinħareġ l-aħħar Ċertifikat ta' Konformità jew ċertifikat ta' approvazzjoni individwali għall-vetturi ta' familja ta' konformità waqt is-servizz li tkun soġġetta għal ittestjar skont il-paragrafu 9.2.3 tar-Regolament tan-NU Nru 83, kif definit fil-paragrafu 3 tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 83.";

(9) Jiddaħħlu l-Artikoli 10a, 10b u 10c li ġejjin:

"*Artikolu 10a*

Konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura

Il-konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura għandha tiġi vverifikata fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 1 tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10b

Konformità waqt is-servizz għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa

Il-konformità waqt is-servizz għall-awtonomija elettrika tal-PEVs f'temperatura baxxa għandha tiġi vverifikata fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 9.4.1 tar-Regolament tan-NU Nru 83 u fl-Appendiċi 1 tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10c

Konformità waqt is-servizz tal-potenza tas-sistema

Il-konformità waqt is-servizz tal-potenza tas-sistema għandha tiġi vverifikata fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 9.7.1 tar-Regolament tan-NU Nru 83 u fl-Appendiċi 1 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.";

(10) L-Annessi I, II, III, XV, XVII, XIX u XXII huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika minn dik id-data.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (4), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2030. L-Artikolu 1, il-punt (10), sakemm ikun qed jemenda l-Anness II, għandu japplika 18-il-xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, II, III, XV, XVII, XIX u XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.1.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1.1. Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi monofjuwil tal-gass, u għall-vetturi bifjuwil tal-gass għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 5.9. tar-Regolament tan-NU Nru 154 (*). Ir-referenza għad-dokument ta' informazzjoni fil-paragrafu 5.9.1. tar-Regolament tan-NU Nru 154 għandha tinftiehem bħala referenza għall-Appendiċi 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

_____

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 154 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika [2026/1130] (WLTP), is-serje 04 ta' emendi ECE/TRANS/WP.29/2026/26 (ĠU L, 2026/1130, 26.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1130/oj).";

(b) il-punt 2.2.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.2.1. L-Illustrazzjoni I.2.3 turi l-applikazzjoni tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vettura. Il-proċeduri speċifiċi tat-test huma deskritti fl-Annessi II, III, IV, V, VI, VII, VIII, X, XI, XIV, XV, XVI, XVII, XIX, XX, XXI u XXII.";

(c) fit-tabella taħt l-Illustrazzjoni 1.2.3, l-entrata "OBFCM" hija sostitwita b'dan li ġej:

"OBFCM	Iva	—	—	—	—	—	—	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva	Iva	Iva ([8])	—";

(d) fit-tabella taħt l-Illustrazzjoni 1.2.3, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"Id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva([9])	Iva	—
Awtonomija elettrika f'temperatura baxxa	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	Iva	—
Determinazzjoni tal-potenza tas-sistema	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	Iva([10])	—";

(e) it-tablenotes [8], [9] u [10] li ġejjin jiddaħħlu wara t-tabella taħt l-Illustrazzjoni 1.2.3:

"(8) Mill-1 ta' Jannar 2030, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fil-paragrafi 11.1.4 u 11.1.5 tar-Regolament tan-NU Nru 154.

(9) Fil-każ ta' OVC-HEVs biss.

(10) Fil-każ ta' HEV u PEVs b'muturi multipli f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 177 (*).";

_____

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 177 - Dispożizzjonijiet uniformi dwar id-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema ta' vetturi elettriċi ibridi u ta' vetturi purament elettriċi li għandhom aktar minn magna elettrika waħda għall-propulsjoni (ĠU L, 2025/1910, 26.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1910/oj)."

(f) il-punt 3.3.1 huwa sostitwit b'li ġej:

"3.3.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi estiża għall-vetturi jekk dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 7.2. tar-Regolament tan-NU Nru 83 (*).

_____

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 83 – Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' inkwinanti skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna, is-serje 09 ta' emendi ECE/TRANS/WP.29/2026/25 [2026/1086] (ĠU L, 2026/1086, 29.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1086/oj).";

(g) Fl-Appendiċi 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"3.5.7.7. Potenza tas-Sistema (il-valuri ddikjarati mill-manifattur) (fejn applikabbli)

"3.5.7.7.1. L-Ogħla Potenza tas-Sistema tal-Vettura: ... kW

"3.5.7.7.2. Potenza Sostnuta tas-Sistema tal-Vettura: ... kW

3.5.7.8. L-Enerġija tal-Batterija li Tista' Tintuża tal-vettura waqt iċ-ċertifikazzjoni ($UBE_{ċċertifikat}$): … (Wh)"

(h) Fl-Appendiċi 4, fl-Addendum taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"4.3. Potenza tas-Sistema (il-valuri ddikjarati mill-manifattur) (fejn applikabbli)

4.3.1. L-Ogħla Potenza tas-Sistema tal-Vettura: ... kW

4.3.2. Potenza Sostnuta tas-Sistema tal-Vettura: ... kW"

(i) l-Appendiċi 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-Taqsima 2 tan-numri taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament u msemmija fl-entrata 48.3 tal-Anness VIII taħt il-Mudell B-Parti 2 u l-Mudell C2-Parti 2 tar-Regolament (UE) 2020/683, għandha tkun magħmula min-numru tal-att regolatorju ta' implimentazzjoni bażi. It-Taqsima 3 tan-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandha tkun magħmula min-numru tal-aħħar Att ta' Implimentazzjoni emendatorju applikabbli. In-numru tal-aħħar Att ta' implimentazzjoni emendatorju għandu jkun segwit direttament minn wieħed mill-karattri b'żewġ ittri mit-Tabelli 2 u 4, jiġifieri mingħajr ma jitqiegħed asterisk bejn dan in-numru u l-karattru rilevanti b'żewġ ittri."

(ii) it-Tabella 1 hija sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 1

Livell ta' emissjonijiet

Karattru tal-emissjonijiet ([1]), ([2])	Standard tal-emissjonijiet	Subkarattru għal dan ir-regolament (ara t-Tabella 2)	Subkarattru għall-OBM u għall-EVP (ara t-Tabella 3)	Kategorija tal-vettura	Emissjonijiet tal-brejkijiet	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
TL ([3])	Euro 7-TEMP	MT, ME, MA jew MC	OA	M_1, N_1	Mhux applikabbli	28.11.2027
TE ([3])	Euro 7-TEMP	MV, MF, MB jew MD	OB	N_2 (Euro 7ext)	Mhux applikabbli	28.05.2029 ([4])
TS ([3])	Euro 7-TEMP	NA	PA	M_1, N_1 (U)SVM	Mhux applikabbli	30.6.2030
TT ([3])	Euro 7-TEMP	NB	PB	N_2 (Euro 7ext) (U)SVM	Mhux applikabbli	30.6.2031
FL	Euro 7 A	MA ([5]), ME jew MG ([6])	OA	M_1, N_1	RA	31.12.2029
FE	Euro 7 A	MB ([5]), MF jew MG ([6])	OB	N_2 (Euro 7ext)	RB	31.12.2029
GL	Euro 7B	MG ([6])	OA jew OB	M_1, N_1, N_2 (Euro 7ext)	RC	31.12.2034
GS	Euro 7BS	NA	PA	M_1, N_1 (U)SVM	RD	31.12.2034
GT	Euro 7BT	NB	PB	N_2 (Euro 7ext) (U)SVM	RE	31.12.2034

Karattru tal-emissjonijiet [1], [2]	Standard tal-emissjonijiet	Subkarattru għal dan ir-regolament (ara t-Tabella 2)	Subkarattru għall-OBM u għall-EVP (ara t-Tabella 3)	Kategorija tal-vettura	Emissjonijiet tal-brejkijiet	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
HL	Euro 7C	MG[6]	OA jew OB	M_1, N_1, N_2 (Euro 7ext)	RF	
HS	Euro 7CS	NA jew NB	PA jew PB	M_1, N_1, N_2 (Euro 7ext) (U)SVM	RF	

([1]) L-ewwel ittra ta' Karattru: T = TEMP-vettura, F = Euro 7 A, G = Euro 7B, H = Euro 7C.
([2]) It-tieni ittra ta' Karattru: L = manifattur ta' volum kbir, E = vettura Euro 7ext, S = (U)SVM, T = vettura Euro 7ext minn (U)SVM.
([3]) Applikazzjoni volontarja qabel id-dati tal-applikazzjoni obbligatorja stabbiliti fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1257.
([4]) Bis-subkarattru MV, l-aħħar data tar-reġistrazzjoni hija 31.12.2027.
([5]) Applikabbli biss għall-ICEV.
([6]) Għas-subkarattru MG, japplikaw ir-rekwiżiti aġġornati tal-OBFCM f'konformità mal-paragrafi 11.1.4 u 11.1.5 tar-Regolament tan-NU Nru 154 u l-Appendiċi 5 tiegħu.

Kjavi:
"(U)SVM" = manifattur ta' volum żgħir (ultra);
"manifattur ta' volum kbir" = manifattur li mhuwiex SVM;
Standard ta' emissjonijiet Euro 7-TEMP' TL/TE = Euro 7 (dan ir-Regolament ta' implimentazzjoni kif applikabbli fit-22 ta' Lulju 2026 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodi, ta' rekwiżiti u ta' testijiet speċifiċi, inklużi l-limiti tal-konformità, għall-apparati OBFCM u għas-sistemi OBM, il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-thaddim tagħhom, il-format u d-data tal-EVP u l-metodi ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP tal-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M1 u N1 (ĠU L, 2025/1707, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1707/oj));
Standard ta' emissjonijiet Euro 7-TEMP' TS/TT = Euro 7 (dan ir-Regolament ta' implimentazzjoni kif applikabbli fit-22 ta' Lulju 2026 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodi, ta' rekwiżiti u ta' testijiet speċifiċi, inklużi l-limiti tal-konformità, għall-apparati OBFCM u għas-sistemi OBM, il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-thaddim tagħhom, il-format u d-data tal-EVP u l-metodi ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP tal-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M1 u N1 (ĠU L, 2025/1707, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1707/oj));
"Euro 7 A" = l-emissjonijiet Euro 7 skont dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (inkluż id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, il-potenza tas-sistema EV u l-medda tal-EV f'temperatura baxxa fejn applikabbli) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1707 kif ukoll il-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet skont it-Tabella 4 fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257 u r-rekwiżiti tekniċi relatati;
"Euro 7B" = l-emissjonijiet Euro 7 skont dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (inkluż id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, il-potenza tas-sistema EV u l-medda tal-EV f'temperatura baxxa fejn applikabbli) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1707 kif ukoll il-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet skont it-Tabella 5 fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257 u r-rekwiżiti tekniċi relatati;
"Euro 7C" = l-emissjonijiet Euro 7 skont dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (inkluż id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, il-potenza tas-sistema EV u l-medda tal-EV f'temperatura baxxa fejn applikabbli) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1707 kif ukoll il-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet skont it-Tabella 8 fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257 u r-rekwiżiti tekniċi relatati.";

(iii) it-Tabella 2 hija sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 2

Subkarattru

Subkarattru	Deskrizzjoni	Kategorija tal-vettura ([6])	Sistema tal-motopropulsjoni	Durabbiltà tal-batterija fil-vettura ([4]) ([7])	Potenza tas-sistema tal-vettura tal-elettriku ([3]) ([7])	Awtonomija tal-vettura elettrika f'temperatura baxxa. ([5]) ([7])	Data tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Data tal-implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
MA	Euro 7-TEMP	M_1, N_1	NOVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.11.2027
MA	Euro 7-TEMP	M_1, N_1	ICEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	29.11.2026	29.11.2027	31.12.2029
MT	Euro 7-TEMP UF EB ([1])	M_1, N_1	OVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.11.2027
MA	Euro 7-TEMP UF EC ([2])	M_1, N_1	OVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.11.2027
MB	Euro 7-TEMP	N_2	NOVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.5.2029
MB	Euro 7-TEMP	N_2	ICEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	29.5.2028	29.5.2029	31.12.2029
MV	Euro 7-TEMP UF EB ([1])	N_2	OVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			31.12.2027
MB	Euro 7-TEMP UF EC ([2])	N_2	OVC-HEV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.5.2029
MC	Euro 7-TEMP	M_1, N_1	PEV, FCHV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.11.2027
MD	Euro 7-TEMP	N_2	PEV, FCHV	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli			28.5.2029
ME	Euro 7	M_1, N_1	NOVC-HEV, OVC-HEV, PEV, FCHV	X	X	X	29.11.2026	29.11.2027	31.12.2029
MF	Euro 7	N_2	NOVC-HEV, OVC-HEV, PEV, FCHV	X	X	X	29.5.2028	29.5.2029	31.12.2029

Subkarattru	Deskrizzjoni	Kategorija tal-vettura ([6])	Sistema tal-motopropulsjoni	Durabbiltà tal-batterija fil-vettura ([4]) ([7])	Potenza tas-sistema tal-vettura tal-elettriku ([3]) ([7])	Awtonomija tal-vettura elettrika f'temperatura baxxa. ([5]) ([7])	Data tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Data tal-implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
MG	Euro 7	M_1, N_1, N_2	Kollha	X	X	X	Mhux applikabbli	1.1.2030	
NA	Euro 7 (U)SVM	M_1, N_1	Kollha	X	X	X	Mhux applikabbli	1.7.2030	
NB	Euro 7 (U)SVM	N_2	Kollha	X	X	X	Mhux applikabbli	1.7.2031	

([1]) Għall-OVC-HEVs li jużaw il-fattur ta' utilità mill-Euro 6e-bis (EB), l-applikazzjoni tal-parametru d_{neb} għad-determinazzjoni tal-UF frazzjonali f'konformità mal-Appendiċi 5 tal-Anness B8 tar-Regolament tan-NU Nru 154 (is-serje 02 ta' emendi).
([2]) Għall-OVC-HEVs li jużaw il-fattur ta' utilità mill-Euro 6e-bis-FCM (EC), l-applikazzjoni tal-parametru d_{nec} għad-determinazzjoni tal-UF frazzjonali f'konformità mal-Appendiċi 5 tal-Anness B8 tar-Regolament tan-NU Nru 154 (is-serje 04 ta' emendi).
([3]) Applikabbli biss għall-vetturi ibridi u għall-PEVs b'muturi multipli, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 177.
([4]) Applikabbli biss għall-PEVs u għall-OVC-HEVs.
([5]) Applikabbli biss għall-PEVs.
([6]) Meta ssir referenza għal 'N_2' f'din il-kolonna, din hija applikabbli biss għal vetturi Euro 7ext kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257.
([7]) Fil-każ ta' 'X', dan l-aspett huwa meħtieġ għall-approvazzjoni tal-vettura jekk applikabbli għas-sistema tal-motopropulsjoni.

Kjavi:
Is-subkarattri MA, MB, MC, MD, MT u MV jingħataw għall-approvazzjonijiet tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2025/1706 kif applikabbli fit-22 ta' Lulju 2026.
Is-subkarattri ME u MF jingħataw għall-approvazzjonijiet tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2025/1706 kif applikabbli fit-23 ta' Lulju 2026.
Is-subkarattru MG jingħata lill-approvazzjonijiet tat-tip skont ir-Regolament (UE) 2025/1706 kif applikabbli fit-23 ta' Lulju 2026 u f'konformità mar-rekwiżiti tal-OBFCM mill-paragrafi 11.1.4 u 11.1.5 tar-Regolament tan-NU Nru 154 u l-Appendiċi 5 tiegħu.";

(iv) it-Tabella 3 hija sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 3

Tabella ta' subkarattri għall-OBM u għall-EVP

Subkarattru	Deskrizzjoni	Kategorija tal-vettura ([1])	Sistema tal-motopropulsjoni	Data ta' implimentazzjoni: tipi ġodda	Data ta' implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
OA	Euro 7	M_1, N_1	Kollha	29.11.2026	29.11.2027	
OB	Euro 7	N_2	Kollha	29.5.2028	29.5.2029	
PA	Euro 7 (U)SVM	M_1, N_1	Kollha	Mhux applikabbli	1.7.2030	
PB	Euro 7 (U)SVM	N_2	Kollha	Mhux applikabbli	1.7.2031	

([1]) Meta ssir referenza għal "N_2" f'din il-kolonna, din hija applikabbli biss għal vetturi Euro 7ext kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257.";

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1764/oj

(v) tiżdied it-Tabella 4 li ġejja:

"Tabella 4

Tabella ta' subkarattri għall-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet

Subkarattru	Deskrizzjoni	Kategorija tal-vettura ([1])	Sistema tal-motopropulsjoni	Data ta' implimentazzjoni: tipi ġodda	Data ta' implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data tar-reġistrazzjoni
RA	Euro 7	M_1, N_1	Kollha	29.11.2026	29.11.2027	31.12.2029
RB	Euro 7	N_2	Kollha	29.5.2028	29.5.2029	31.12.2029
RC	Euro 7	M_1, N_1, N_2	Kollha	Mhux applikabbli	1.1.2030	31.12.2034
RD	Euro 7 (U)SVM	M_1, N_1	Kollha	Mhux applikabbli	1.7.2030	31.12.2034
RE	Euro 7 (U)SVM	N_2	Kollha	Mhux applikabbli	1.7.2031	31.12.2034
RF	Euro 7	M_1, N_1, N_2	Kollha	Mhux applikabbli	1.1.2035	

([1]) Meta ssir referenza għal "N2" f'din il-kolonna, din hija applikabbli biss għal vetturi Euro 7ext kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/1257.

Kjavi:
Is-subkarattri RA u RB jingħataw lill-approvazzjonijiet skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1762 (*) f'konformità mal-valuri ta' limitu mit-Tabella 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257.
Is-subkarattri RC, RD u RE jingħataw lill-approvazzjonijiet skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1762 f'konformità mal-valuri ta' limitu mit-Tabella 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257.
Is-subkarattru RF jingħata lill-approvazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2026/1762 f'konformità mal-valuri ta' limitu mit-Tabella 8 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257.";
(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1762 tat-13 ta' Lulju 2026 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar u rekwiżiti amministrattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejk ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 (ĠU L, 2026/1762, 22.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/ reg_impl/2026/1762/oj)."

(vi) il-punt segwenti jiżdied mal-Appendiċi 8a:

"7. Żid it-taqsima 2.11. li ġejja:

2.11. L-Enerġija tal-Batterija li Tista' Tintuża (UBE) tal-vettura waqt iċ-ċertifikazzjoni (*$UBE_{ċċertifikat}$*)

$UBE_{ċċertifikat}$	:	… (Wh)"

(vii) l-Appendiċi 8e segwenti jiżdied wara l-Appendiċi 8d:

"*Appendiċi 8e*

Rapport tat-test tal-potenza tas-sistema

Ir-rapport dwar il-potenza tas-sistema għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Appendiċi 2 tal-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru 177. Bħala alternattiva, tista' ssir referenza għan-numru tal-approvazzjoni tat-tip taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip mogħti f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 177."

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1764/oj

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3.20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

3.20. It-Tabella 1 fl-Appendiċi 5 għandha tinkludi ringieli addizzjonali bejn ir-ringieli 44a u 49 kif ġej:

	Għal vetturi b'diversi stadji jew bi skop speċjali b'diversi stadji			
"**45a**	Massa reali permessa tal-vettura finali	Numru	kg	Kif irrapportat fil-punt 0.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683 Minn-sa
45b	Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura (f'kg)	Numru	kg	Kif irrapportat fil-punt 0.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683 Minn-sa
46	Erja ta' quddiem permessa għall-vettura finali	Numru	cm^2	Kif irrapportat fil-punt 0.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683 Minn-sa
47	Reżistenza għad-dawrien permessa	Numru	kg/t	Kif irrapportat fil-punt 0.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683 Minn-sa
48	Erja ta' quddiem ipproġettata permessa tad-dħul tal-arja tax-xibka ta' quddiem	Numru	cm^2	Kif irrapportat fil-punt 0.2.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683 Minn-sa
	GĦALL-VETTURI KOLLHA"			

(b) il-punt 3.21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

It-Tabella 2 fl-Appendiċi 5 għandha tinqara kif ġej:

"Tabella 2

Lista ta' Trasparenza 2

Kamp	Tip ta' data	Deskrizzjoni
TVV	Test	Identifikatur uniku tat-Tip, Varjant, Verżjoni tal-vettura kif irrapportat fil-punt 0.2. taċ-Ċertifikat ta' Konformità, l-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2020/683, il-Parti 1 tal-Appendiċi.
ID tal-Familja tal-PEMS	Test	Kif irrapportat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, il-punt 3.5.2.
Marka	Test	Isem kummerċjali tal-manifattur, il-punt 0.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683.
Isem kummerċjali	Test	Ismijiet kummerċjali tat-TVV, il-punt 0.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683.
Isem ieħor	Test	Test liberu
Kategorija u klassi	Enumerazzjoni (M_1, N_1 klassi I, N_1 klassi II, N_1 klassi III, N_2, N_3, M_2, M_3)	Kategorija u klassi tal-vettura, l-Anness I, Tabella 1 tar-Regolament (UE) 2024/1257.

Kamp	Tip ta' data	Deskrizzjoni
Karozzerija	Enumerazzjoni (AA Saloon; AB Hatchback, AC Station Wagon, AD Coupe, AE Konvertibbli, AF Vettura b'diversi skopijiet, AG Trakk station wagon, BA Trakk, BB Vann, BC Unità ta' trattur għal semitrejler, BD Trattur tat-triq, BE Trakk pick-up, BX Xażi bil-kabina jew xażi motorizzat)	Tip ta' karozzerija, l-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683, il-punt 0.3.0.2.
Numru tat-TA tal-Emissjonijiet	Test	Kif irrapportat fuq il-mudell taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fl-Anness I / l-Appendiċi 4 ta' dan ir-Regolament.
Numru tad-WVTA	Test	Identifikatur tal-Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Sħiħa kif definit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2020/683.
ID tal-familja Evap	Test	Kif irrapportat fil-paragrafu 0.2.3.7 tal-Anness A1 tar-Regolament tan-NU Nru 154
Potenza Attribwita tal-Magna fjuwil 1, fjuwil 2 (jekk rilevanti)	Numru	Paragrafu 3.2.1.8 tal-Anness A1 tar-Regolament tan-NU Nru 154
Tajers doppji	Iva/Le	Iddikjarat mill-OEM.
Kapaċità(jiet) tat-tank(ijiet) tal-fjuwil (valuri diskreti)	Numru	Kapaċità(jiet) tat-tank(ijiet) tal-fjuwil, il-punt 3.2.3.1.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683.
Tank issiġillat	Iva/Le	Punt 3.2.12.2.5.5.3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/683.
WMI użat f' din il-WVTA + TVV	Test	Iddikjarat mill-OEM (ISO 3779)
Identifikatur tal-Familja tal-OBM	Test	Kif muri fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità bl-OBM, bl-EVP u bil-wiri fil-vettura tar-rekwiżiti tad-data ambjentali tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707"

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.3 Il-manifattur għandu jikkonferma l-konformità billi jimla d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-RDE stabbilita fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness. Il-manifattur jista' jiddikjara l-konformità ma' limiti tal-emissjonijiet aktar baxxi billi jiddikjara valuri aktar baxxi msejħa "Valuri Massimi Ddikjarati ta' RDE", jew għall-NOx jew għall-PN jew għat-tnejn, fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-RDE tal-Manifattur u fiċ-Ċertifikat ta' Konformità ta' kull vettura. Dawk il-Valuri Massimi Ddikjarati ta' RDE għandhom jintużaw għall-kontroll tal-konformità tal-karozzi meta applikabbli, inkluż għat-testijiet imwettqa matul il-Konformità Waqt is-Servizz u tas-Sorveljanza tas-Suq.";

(b) jiżdied l-Appendiċi 1 li ġej:

"*Appendiċi 1*

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali

(Manifattur): …..

(Indirizz tal-Manifattur): …..

Jiddikjara li:

[Il-paragrafu li ġej għandu japplika fil-każ li jiġu applikati l-limiti tal-emissjonijiet. Mhux applikabbli fil-każ li jiġu applikati valuri massimi ddikjarati tal-RDE aktar baxxi:]

It-tipi ta' vetturi elenkati fl-Anness I ta' din id-dikjarazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1706 għat-testijiet tal-RDE validi kollha li jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament.

[Il-paragrafu li ġej għandu japplika fil-każ li jiġu applikati valuri massimi ddikjarati tal-RDE aktar baxxi. Mhux applikabbli fil-każ li jiġu applikati l-limiti tal-emissjonijiet:]

Il-vettura/i koperta/i minn din l-approvazzjoni / il-vettura/i elenkata/i fl-Anness I ta' din id-dikjarazzjoni[1] hija/huma[2] f'konformità mal-valuri massimi ddikjarati tal-RDE kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt:

	Valuri massimi ddikjarati tal-RDE
Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x)	(mg/km)
Numru ta' partikuli (PN_{10})	(#/km)

Magħmul fi [..... Post[3]]

Fi [..... Data]

[Isem u firma tal-persuna awtorizzata mill-Manifattur jew ir-Rappreżentant tal-Manifattur[4]]

Dokument(i) mehmuż(a)

Anness I: It-Tip(i), il-Familja/i ta' Vettura/i jew il-vetturi deskritti minn deskrittur(i) ieħor/oħra tal-vetturi li għalihom tapplika din id-dikjarazzjoni (jekk applikabbli).

[1] Ħassar dak li mhux applikabbli.

[2] Agħżel "hija" jew "huma" kif applikabbli.

[3] Stabbilit fl-Unjoni.

[4] "Rappreżentant tal-manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tinħatar kif xieraq mill-manifattur biex tirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u sabiex taġixxi f'isem il-manifattur fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament (UE) 2018/858, kif definit fl-Artikolu 3 il-punt (41) tar-Regolament..;"

(4) L-Anness XV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XV*

Durabbiltà tal-batterija fil-vettura

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċedura għall-valutazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata mar-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura bl-użu tal-mudell għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura stipulati fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tan-NU Nru 154, b'rabta mal-livell 1 A.

2.2. Il-valuri tar-rekwiżit minimu ta' prestazzjoni (MPR) ibbażati fuq l-enerġija tal-batterija (SOCE) imsemmija fit-Tabella 1 tal-paragrafu 1.2. tal-Anness C1 tar-Regolament tan-NU Nru 154 għandhom jiġu sostitwiti bil-valuri MPR ibbażati fuq l-enerġija tal-batterija stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1257 għall-vetturi M_1 u fit-Tabella 2 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament għall-vetturi N_1.

2.3. Il-metodoloġija tal-konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura hija stabbilita fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 6.11 u l-Anness C1 tar-Regolament tan-NU Nru 154, b'rabta mal-livell 1 A.

Appendiċi 1

Metodoloġija tal-konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura

Il-konformità waqt is-servizz għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura għandha tiġi vverifikata fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 5 tar-Regolament tan-NU Nru 83.

Appendiċi 2

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-manifattur mar-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura

(Manifattur): …..

(Indirizz tal-manifattur): …..

Jiddikjara li:

[Il-paragrafu li ġej għandu japplika fil-każ li jiġu applikati r-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni. Mhux applikabbli fil-każ li jiġu applikati r-rekwiżiti dikjarati ta' prestazzjoni:]

Il-vettura/i koperta/i minn din l-approvazzjoni / il-vettura/i elenkata/i fl-Anness I ta' din id-dikjarazzjoni[1] hija/huma[2] f'konformità mar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1257 għal vetturi M_1 / it-Tabella 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1257 għal vetturi N_1 [1];

[Il-paragrafu li ġej għandu japplika fil-każ li jiġu applikati r-rekwiżiti dikjarati ta' prestazzjoni. Mhux applikabbli fil-każ li jiġu applikati r-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni:]

Il-vettura/i koperta/i minn din l-approvazzjoni / il-vettura/i elenkata/i fl-Anness I ta' din id-dikjarazzjoni[1] hija/huma[2] f'konformità mar-rekwiżiti dikjarati ta' prestazzjoni kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt;

L-età tal-vettura / kilometraġġ	Rekwiżiti dikjarati ta' prestazzjoni (DPR)
Mill-bidu tal-ħajja sa 5 snin jew 100 000 km, skont liema jiġu l-ewwel	(1) …%
Vetturi ta' aktar minn 5 snin jew 100 000 km, u sa liema jiġi l-ewwel minn 8 snin jew 160 000 km	(2) …%

[Il-paragrafu li ġej għandu japplika fil-każ li jew ir-rekwiżiti dikjarati ta' prestazzjoni jew ir-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni jiġu applikati:]

Barra minn hekk, il-vettura/i koperti minn din l-approvazzjoni / il-vettura/i elenkata/i fl-Anness I ta' din id-dikjarazzjoni[1] hija/huma[2] f'konformità mar-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura stabbiliti fl-Anness XV tar-Regolament (UE) 2026/1764.

Magħmul fi [..... Post[3]]

Fi [..... Data]

[Isem u firma tal-persuna awtorizzata mill-Manifattur jew ir-Rappreżentant tal-Manifattur[4]]

Dokumenti mehmuża

Anness I: It-tip(i), il-familja/i ta' vettura/i jew il-vetturi deskritti minn deskrittur(i) ieħor/oħra tal-vetturi li għalihom tapplika din id-dikjarazzjoni (jekk applikabbli).

[1] Ħassar dak li mhux applikabbli.

[2] Agħżel "hija" jew "huma" kif applikabbli.

[3] Stabbilit fl-Unjoni.

[4] "Rappreżentant tal-manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tinħatar kif xieraq mill-manifattur biex tirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u sabiex taġixxi f'isem il-manifattur fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament (UE) 2018/858, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (41) tar-Regolament.";

(5) L-Anness XVII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XVII*

Awtonomija elettrika f'temperatura baxxa

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċedura għad-determinazzjoni tat-test tat-temperatura baxxa sabiex tiġi vverifikata l-awtonomija elettrika tal-PEVs f'temperatura baxxa.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tan-NU Nru 154, b'rabta mal-livell 1 A.

2.2. Il-metodoloġija fakultattiva tal-konformità waqt is-servizz għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa hija stabbilita fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 6.10 u l-Anness B10 tar-Regolament tan-NU Nru 154, b'rabta mal-livell 1 A.

Appendiċi 1

Metodoloġija fakultattiva tal-konformità waqt is-servizz għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa

Il-konformità waqt is-servizz għall-awtonomija elettrika f'temperatura baxxa għandha tiġi vverifikata fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness 11 tar-Regolament tan-NU Nru 83.";

(6) L-Anness XIX huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XIX*

Determinazzjoni tal-potenza tas-sistema

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċedura għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema tal-HEVs u tal-PEVs b'muturi multipli skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 177.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tan-NU Nru 177*, ħlief għar-rekwiżiti tal-Konformità tal-Produzzjoni tal-paragrafu 11.

2.2. Metodoloġija fakultattiva għall-valutazzjoni tal-konformità waqt is-servizz għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema hija stabbilita fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

3. REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafi 7 u 8 tar-Regolament tan-NU Nru 177.

Appendiċi 1

Metodoloġija fakultattiva għall-valutazzjoni tal-konformità waqt is-servizz għad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema

Il-valutazzjoni tal-konformità waqt is-servizz fir-rigward tad-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema għandha titwettaq fuq vetturi miżmuma u użati sewwa, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness 14 tar-Regolament tan-NU Nru 83.".

(7) L-Anness XXII huwa emendat kif ġej:

"3. REKWIŻITI TEKNIĊI

Ir-rekwiżiti tekniċi għall-apparat OBFCM għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Appendiċi 5 tar-Regolament tan-NU Nru 154, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fil-paragrafi 11.1.4 u 11.1.5 ta' dak ir-Regolament.".